MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2018

Rikors Maħluf Numru 847/2016LM

**Dennis Francalanza (K.I. 884354M)**

***vs.***

**HSBC Bank Malta plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-26 ta' Settembru, 2016 minn **Dennis Francalanza** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

*Illi r-rikorrent sar impjegat tal-Bank intimat fl-1 ta' Ġunju 1976, meta l-Bank kien għadu magħruf bħala Mid-Med Bank. L-aħħar kariga li okkupa fl-HSBC Bank Malta plc kienet dik ta' Credit and Invoice Finance Manager;*

*Illi fil-15 ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (2011) ir-rikorrent ġie mkeċċi inġustament mill-Bank intimat;*

*Illi fit-18 ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), it-Tribunal Industrijali ddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent kienet waħda inġusta u ordna lil HSBC Bank Malta plc iħallas lir-rikorrent Dennis Francalanza s-somma ta' sitt elef euro (€6,000) bħala kumpens skont il-liġi (Deċiżjoni Numru 2418);*

*Illi r-rikorrent ma ddaħħalx lura fl-impjieg tiegħu mal-Bank, u dan minkejja l-imsemmija deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali dwar tkeċċija inġusta;*

*Illi fost il-kundizzjonijiet tal-impjieg kien hemm dawk li ġew inkorporati fil-ftehim kollettiv;*

*Illi skont il-Klawsola 12 (b) (i) tal-ftehim kollettiv li kien hemm fis-seħħ, il-Bank intimat huwa obbligat illi fiċ-ċirkostanzi li jgħoddu għal dan il-każ iħallas somma flus lill-impjegat bħala benefiċċju:*

> *'... The same benefit, with a minimum of three (3) years' salary, shall be due to an employee whose termination of employment is declared unjust by the competent tribunal according to law unless reinstated in his previous post.'*

*Illi minkejja dan l-obbligu msemmi espressament fil-ftehim kollettiv, il-Bank intimat kaxkar saqajh biex iħallas dan l-ammont ossija 'benefiċċju' lir-rikorrent, u difatti meta ġie biex iħallas l-ammont li t-Tribunal Industrijali ordna lill-Bank biex iħallas lir-rikorrent bħala kumpens, il-Bank bagħatlu biss iċ-cheque għall-ammont ta' €6,000 bħala kumpens skont il-liġi, iżda naqas li jibgħatlu l-ammont l-ieħor, jiġifieri, il-benefiċċju dovut lilu, rappreżentanti s-salarju għal tliet (3) snin ai termini tal-ftehim kollettiv, kif ukoll il-benefiċċji l-oħra li huma dovuti;*

*Illi permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fl-4 ta' Frar, 2016, ir-rikorrent interpella lill-Bank intimat biex iħallas l-ammont dovut skont il-klawsola 12 (b) (i) tal-ftehim kollettiv kif kien obbligat jagħmel; iżda l-Bank baqa' inadempjenti, u, anzi, permezz ta' ittra uffiċjali tat-23 ta' Frar, 2016 qal li dak l-ammont ma kienx dovut;*

*Illi r-rikorrent għandu jirċievi wkoll il-benefiċċji l-oħra kollha li l-Bank kien intrabat kuntrattwalment li jħallsu;*

*Illi l-Bank intimat kien qiegħed iċaħħad lir-rikorrent mill-imgħaxijiet fuq il-flus dovuti lilu kuntrattwalment, u għalhekk għandu jiġi kkundannat iħallas ukoll l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut, u dan mid-data tat-tkeċċija inġusta tiegħu mill-impjieg mal-Bank, jiġifieri mill-15 ta' Marzu, 2011, jew data oħra verjuri.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(1) Tiddikjara illi, minbarra s-somma ta' sitt elef euro (€6000) dovuta lir-rikorrent bħala kumpens skont il-liġi li HSBC Bank Malta plc ġie ordnat mit-Tribunal Industrijali biex iħallas lir-rikorrent skont id-Deċiżjoni Numru 2418, il-Bank intimat huwa obbligat iħallas ukoll lir-rikorrent – skont il-klawsola 12 (b)(i) tal-ftehim kollettiv – somma ekwivalenti għal salarju ta' tliet (3) snin, u dan peress li t-tkeċċija tar-rikorrenti mill-impjieg ġiet dikjarata mit-Tribunal Industrijali bħala waħda inġusta;*

*(2) Tillikwida l-ammont dovut rappreżentanti s-salarju ta' tliet (3) snin, inkluż il-bonus ta' kull sena, u dan skont id-dokumentazzjoni uffiċjali rilaxxata mill-Bank stess;*

*(3) Tillikwida addizzjonalment il-benefiċċji l-oħra kollha, bħall-car allowance, kuntrattwalment miftehma bejn il-Bank u r-rikorrent;*

*(4) Tikkundanna lil HSBC Bank Malta plc biex fi żmien li jiġi stabbilit minn din il-Qorti jħallas lir-rikorrent l-ammonti hawn fuq likwidati u dikjarati bħala dovuti;*

*(5) Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Frar 2016 (Numru 397/2016), u bl-imgħaxijiet legali ta' 8% fuq l-ammont kollu li hu dovut lilu, u dan mid-data tat-tkeċċija inġusta li seħħet fil-15 ta' Marzu 2011 jew data verjuri.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **HSBC Bank Malta plc**, ikkonfermata bil-ġurament mill-P.L. Catherine Fenech (K.I. 408558M) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta" jew "il-bank konvenut"), li ġiet ippreżentata fil-25 t'Ottubru, 2016, li biha eċċepiet:

1. *Illi din hija tweġiba għar-rikors ġuramentat ta' Dennis Francalanza, liema rikors ġie ntavolat quddiem din l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Settembru, 2016;*

2. *Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-bqija ta' din ir-risposta, l-attur ma għandu l-ebda dritt ta' azzjoni fil-konfront tal-Bank konvenut u kwindi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti għaliex kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża odjerna, l-attur diġà aċċetta a saldu tal-pretensjonijiet tiegħu meta ingħata u żbanka cheque datat 2 ta' Diċembru, elfejn u ħmistax (2015) għall-ammont ta' sitt elef euro (€6000) li kellha annessa magħha ittra indirizzata lilu minn David Perotti, il-Human Resources Manager tal-*

*bank konvenut fejn ġie spjegat lill-attur li l-imsemmi cheque huwa in full and final settlement ta' kull pretensjoni li kellu mal-Bank intimat in konnessjoni mal-kwistjoni tat-tkeċċija tiegħu (vide kopja tal-ittra hawn annessa u mmarkata bħala Dok. HSBC 1);*

3. *Illi kien biss wara li ġie żbankat dan iċ-cheque, li l-attur beda proċeduri legali fil-konfront tal-bank intimat fejn huwa qed jagħmel it-talbiet tiegħu iżda bil-ħlas aċċettat minnu a saldu, l-attur iddekada minn kwalunkwe dritt ta' azzjoni fil-konfront tal-Bank konvenut;*

4. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess u subordinament it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;*

5. *Illi, l-fatti fil-qosor huma li l-attur kien impjegat mal-bank konvenut fl-1 ta' Ġunju 1976 bħala Credit and Invoice Manager;*

6. *Illi, fil-15 ta' Marzu, 2011, l-impjieg tal-attur ġie tterminat minħabba kawża ġusta u suffiċjenti skont il-liġi u dan wara li nżammu u nstemgħu l-proċeduri dixxiplinarji ai termini tal-ftehim kollettiv bejn il-Bank konvenut u l-Malta Union for Banking Employees (MUBE) li kien viġenti dak iż-żmien;*

7. *Illi, wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu l-attur intavola kawża quddiem it-Tribunal Industrijali fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kinitx għal raġuni valida u suffiċjenti skont l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta);*

8. *Illi, fit-18 ta' Novembru, 2015, it-Tribunal Industrijali ddikjara li t-tkeċċija tal-attur ma kinitx waħda ġusta minkejja li l-attur kien għamel ċertu nuqqasijiet serji iżda mhux tali li jimmeritaw tkeċċija u għalhekk skont il-liġi u l-ġurisprudenza tal-istess Tribunal Industrijali, it-Tribunal ordna lill-Bank konvenut iħallas kumpens lill-attur fl-ammont ta' sitt elef euro (€6000) (vide kopja tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali hawn annessa u mmarkata bħala Dok. HSBC 2);*

9. *Illi l-attur tħallas dak li kien dovut lilu (u ċioe l-ammont ta' €6000) u wara li ġie żbankat iċ-cheque b'dan il-ħlas, l-attur beda dawn il-proċeduri legali fil-konfront tal-bank konvenut fejn huwa qed jallega, fost affarijiet oħra, li a bażi tal-klawsola 12 (b) (i) tal-ftehim kollettiv, il-bank konvenut huwa obbligat iħallas somma flus ekwivalenti għal tliet snin salarju lill-impjegati fejn it-tkeċċija tagħhom ġiet misjuba li kienet inġusta.*

10. *Illi, fir-rikors ġuramentat tiegħu, l-attur jikkwota biss parti mill-klawsola in kwistjoni għaliex fil-fatt is-sentenza kkwotata mill-attur hija parti mill-klawsola 12 tal-ftehim kollettiv li jistipula s-segwenti:*

*12. Redundancies and Early Retirement*

*a. Both the Bank and the Union agree that redundancies as a policy should be avoided but if any reductions of staff in the Bank will be necessary, these will be made through:*

*i. Natural attrition;*
*ii. Voluntary early retirement schemes;*
*iii. Voluntary redundancies;*
*iv. Any such other scheme agreed between the Bank and the Union.*
*Before implementing any of the above scheme(s) the Bank, in agreement with the Union, shall explore all possible forms of re-training and re-deployment.*

*b. Terminal Benefits*

*i. As a result of Redundancy*

*In cases of termination of service by the Bank for reasons of redundancy or abolition of posts or transfer of business, or by way of merger, take over or otherwise, the Bank shall pay the discharged employee a sum equivalent to one (1) month's salary for each completed year of service with the Bank and pro rata for any part thereof, up to a maximum of three (3) years' salary. This in addition to any pension or other benefits an employee might be entitled to. The same benefit, with a minimum of three (3) years' salary, shall be due to an employee whose termination of employment is declared unjust by the competent tribunal according to law unless reinstated in his previous post.*

11. *Illi, in vista ta' dak hawn fuq premess, l-argumenti li qed jagħmel l-attur dwar l-artikolu tnax (12) (b) (i) tal-ftehim kollettiv huma skorretti u dan għaliex din il-klawsola ma tistax tinqara barra mill-kuntest tal-artikolu sħiħ. Fil-fatt, anke jekk wieħed jara t-titolu tal-klawsola tnax huwa ċar illi din il-klawsola titkellem unikament dwar* ***Redundancies and Early Retirement;***

12. *Illi fil-fehma tal-Bank konvenut ma hemmx dubbju li l-pagament dovut a bażi tal-artikolu 12 (b) (i) tal-ftehim kollettiv huwa intiż sabiex ikopri unikament u esklussivament sitwazzjoni ta' Redundancy;*

13. *Illi, anke jekk wieħed jeżamina d-dettal ta' din il-klawsola, minkejja li hija spezzata f'żewġ paragrafi, huwa ċar li l-ewwel pagament ta' xahar għal kull sena impjieg għandu jingħata f'każ meta persuna tkun dikjarata mill-Bank konvenut bħala redundant mentri t-tieni pagament b'minimu ta' tliet snin salarju għandu jsir biss meta, wara li persuna tkun mogħtija s-sensja a bażi ta' redundancy, tikkontesta dik id-deċiżjoni fit-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali jagħti deċiżjoni fis-sens li r-redundancy ta' impjegat ma kinitx waħda ġusta skont il-liġi għaliex ir-redundancy tkun saret bi ksur ta' xi dispożizzjoni tal-liġi;*

14. *Illi, għalhekk, ġialadarba huwa paċifiku li l-attur ma kienx redundant fil-fehma tal-Bank konvenut, l-attur qiegħed jinterpreta l-artikolu 12 (b) (i) tal-ftehim kollettiv b'mod skorrett u fil-fatt m'għandux dritt għall-pagamenti mitluba minnu fir-rikors tiegħu;*

15. *Għalhekk, il-Bank konvenut – jisħaq li ftehim kollettiv bl-ebda mod ma jippreżenta xi diffikultà jew dubju dwar it-tifsir tal-klawsoli singoli tiegħu, u lanqas tat-tifsir tal-klawsoli kollha meħudin flimkien. Minħabba f'hekk, wieħed ma jistax serenament jasal għall-konklużjoni li l-bank għandu xi obbligu jħallas benefiċċji lir-rikorrenti oltre minn dak konċess lilu mit-Tribunal Industrijali ċioè is-sitt elef euro;*

16. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, għandu jingħad ukoll li l-klawsola tal-ftehim kollettiv in kwistjoni titkellem biss dwar salarju u mhux dwar introjtu, jew remunerazzjoni, jew xi kelma oħra li tista' tiġi interpretata b'mod li l-fringe benefits li qed jitkellem dwarhom ir-rikorrenti fit-talbiet tiegħu jiġu meqjusa bħala parti mill-pagament dovut lil xi persuna li jkollha dritt għall-pagament taħt il-klawsola 12 (1) (b) tal-ftehim kollettiv;*

17. *Illi, finalment, it-talba għall-imgħax ta' tmienja fil-mija pretiż fir-rikors ġuramentat tal-attur u senjalatament fil-ħames talba tiegħu mhuwiex dovut għaliex hu qatt m'għamel talba għal xi pagament fid-data tat-tkeċċija tiegħu u ċioè fil-15 ta' Marzu 2011. Fil-fatt dakinhar l-ebda ammont ma kien dovut lir-rikorrent.*

18. *Illi, l-esponenti taf dawn il-fatti personalment wara eżami tad-dokumenti.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Bank konvenut jitlob li t-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-05 ta' Marzu, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kwistjoni odjerna nibtet minn tkeċċija mill-impjieg li l-attur kellu mas-soċjetà konvenuta, liema tkeċċija t-Tribunal Industrijali fit-18 ta' Novembru, 2015 iddeċieda li kienet waħda 'inġusta' stante li mhix proporzjonata, u in vista ta' dan iffissa kumpens monetarju fl-ammont ta' sitt elef Euro (€6000) li għandu jitħallas mis-soċjetà konvenuta lill-attur. Bejn il-partijiet hemm nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni ta' klawsola partikolari fil-ftehim kollettiv li jirregola r-relazzjoni bejn il-bank konvenut u l-impjegati tiegħu, u ċjoè l-klawsola 12(b)(i) tal-istess ftehim kollettiv li l-attur jiċċita sabiex isostni l-pretensjoni tiegħu li l-s-soċjetà attriċi għandha mhux biss tħallsu l-kumpens stabbilit mit-Tribunal Industrijali, iżda in vista tal-pronunzjament tat-Tribunal Industrijali li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta u sproporzjonata, hu għandu jitħallas ukoll minimu ta' tliet snin salarju, bil-komputazzjoni tal-benefiċċji li kien igawdi minnhom li kieku baqa' fl-impjieg, u bl-imgħaxijiet skont il-liġi, u dan skont dak li hemm ipprovdut fil-ftehim kollettiv. Is-soċjetà attriċi ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-attur, u filwaqt li ħallset lill-attur il-kumpens

monetarju stabbilit mit-Tribunal Industrijali, liema ħlas is-soċjetà konvenuta tgħid li sar għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-attur fir-rigward tas-soċjetà konvenuta, issostni wkoll li l-klawsola li qiegħed jiċċita l-attur m'għandha x'taqsam xejn maċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, fejn persuna sfat imkeċċija mill-impjieg b'konsegwenza ta' passi dixxiplinarji li ttieħdu fil-konfront tagħha. Is-soċjetà konvenuta tgħid li l-klawsola li qiegħed jiċċita l-attur sabiex isaħħaħ il-każ tiegħu għandha tiġi applikata biss f'każijiet ta' *redundancies* jew telf ta' impjieg, f'dawk il-każijiet fejn it-Tribunal Industrijali jqis li r-*redundancy* tal-impjegat ma kinitx waħda ġusta skont il-liġi.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-attur **Dennis Francalanza** fl-*affidavit* tiegħu jgħid[1] li huwa kien ilu impjegat mal-HSBC Bank Malta plc mis-sena 1976, u tul is-snin okkupa diversi karigi fl-istess bank. L-aħħar kariga li hu kien jokkupa qabel ittieħdu l-passi dixxiplinarji li wasslu għat-tkeċċija tiegħu, kienet dik ta' *Credit and Invoice Finance Manager.* Jirriżulta li l-bank konvenut ħa passi dixxiplinarji fil-konfront tal-attur minħabba nuqqasijiet fil-mod kif l-attur kien qiegħed jaqdi l-inkarigu tiegħu, li rriżultaw wara awditjar intern fil-bank, bir-riżultat li wara dawn il-proċeduri dixxiplinarji, l-attur safa mkeċċi mill-impjieg. L-attur ħass li d-deċiżjoni tal-bank fil-konfront tiegħu kienet waħda inġusta, u kien għalhekk li ddeċieda li jikkontesta din it-tkeċċija quddiem it-Tribunal Industrijali, li evalwa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u l-miżuri dixxiplinarji li ħa l-bank konvenut fil-konfront tal-attur, u stabbilixxa li t-tkeċċija tal-attur mill-bank kienet waħda

[1] *A fol.* 11 sa 13.

inġusta u mhux proporzjonata man-nuqqas tal-attur.[2] Kien fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, li t-Tribunal Industrijali kkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' sitt elef Euro (€6000) lill-attur bħala kumpens.

In segwitu għad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, is-soċjetà konvenuta permezz tal-*Human Resources Manager* tagħha, bagħtet *cheque* fl-ammont ta' sitt elef Euro (€6000) lill-attur, flimkien ma' *covering letter* li permezz tagħha l-attur ġie mgħarraf li l-ħlas mill-Bank kien qiegħed isir *"in full settlement of all your claims arising from the termination of your employment with the Bank."* L-attur madankollu, b'riferiment għall-ftehim kollettiv u speċifikament għall-klawsola 12(b)(i) tal-istess ftehim, bl-intestatura *'Redundancies and Early Retirement'*, u li testwalment taqra hekk: *"The same benefit, with a minimum of three years' salary, shall be due to an employee whose termination of employment is declared unjust by the competent tribunal according to law unless reinstated in his previous post",* jinterpreta din il-klawsola bħala obbligu fuq il-bank li jħallas lill-impjegati li jiksbu deċiżjoni ta' tkeċċija inġusta mit-Tribunal Industrijali, somma flus li ma tkunx inqas mill-ekwivalenti ta' tliet snin salarju. L-attur isostni li s-soċjetà konvenuta kienet tenuta li tħallsu apparti s-€6,000 bħala kumpens ordnat mit-Tribunal Industrijali, anki tliet snin salarju kif ukoll il-ħlas ta' xi benefiċċji oħrajn skont kif maqbul fil-ftehim kollettiv. F'ittra datata l-14 ta' Diċembru, 2015 mibgħuta lil David Perotti, *Human Resources Manager* tas-soċjetà konvenuta[3], l-attur jinforma lill-istess *Human Resources Manager* illi: *"The scope of this letter is to inform you that I cannot accede to your request in view of my pending claim with the Bank in respect of the bank's obligation under the Collective Agreement to pay me a minimum of*

[2] Kopja tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tinsab esebita *a fol.* 18 sa 24.
[3] *A fol.* 27.

*three years' salary, together with a confirmation that I will also retain all the applicable staff benefits accordingly."* L-attur f'din l-ittra jagħmilha ċara li kien qiegħed jaċċetta ċ-*cheque* ta' €6,000 bla preġudizzju għad-drittijiet tiegħu skont il-liġi u l-ftehim kollettiv u bħala pagament akkont ta' dak li kien dovut lilu mill-bank konvenut.

Madanakollu, il-pożizzjoni tas-soċjetà konvenuta baqgħet invarjata, u din baqgħet isostni li l-klawsola 12(b)(i) tapplika biss f'kuntest ta' *redundancy* u meta t-Tribunal Industrijali jqis li r-*redundancy* tal-impjegat ma tkunx waħda ġusta skont il-liġi. Tul il-proċeduri quddiem din il-Qorti, is-soċjetà konvenuta baqgħet issostni li l-attur kien qiegħed jiċċita l-klawsola 12(b)(i) f'kuntest skorrett u sabiex jirċievi ħlasijiet li mhumiex dovuti lilu u li m'għandu l-ebda jedd għalihom.

Illi rriżulta mill-kopja tal-ftehim kollettiv esebit fl-Atti ta' dawn il-proċeduri[4] li fil-fatt il-klawsola 12 għandha l-intestatura *'Redundancies & Early Retirement'*, u li fl-intier tagħha din taqra hekk:

> *'Redundancies & Early Retirement*
>
> *a. Both the Bank and the Union agree that redundancies as a policy should be avoided but if any reductions of staff in the Bank will be necessary, these will be made through:*
>
> *i. Natural attrition*
>
> *ii. Voluntary early retirement schemes*
>
> *iii. Voluntary redundancies*
>
> *iv. Any such other scheme agreed between the Bank and the Union.*
>
> *Before implementing any of the above scheme(s), the Bank, in agreement with the Union, shall explore all possible forms of re-training and re-deployment.*
>
> *b. Terminal Benefits*
>
> *i. As a result of Redundancy*

[4] *A fol.* 34 *et seq*.

> *In cases of termination of service by the Bank for reasons of redundancy or abolition of posts or transfer of business, or by way of merger, take over or otherwise, the Bank shall pay the discharged employee a sum equivalent to one (1) month's salary for each completed year of service with the Bank and pro rata for any part thereof, up to a maximum of three (3) years salary. This is in addition to any pension or other benefits an employee might be entitled to.*
>
> *The same benefit, with a minimum of three (3) years' salary, shall be due to an employee whose termination of employment is declared unjust by the competent tribunal according to law unless reinstated in his previous post.'*

Illi wieħed mix-xhieda li tressqu mill-attur, **Mark Muscat**[5], persuna li kienet involuta fil-Malta Union of Bank Employees, u li kien jokkupa l-kariga ta' *Executive Premier Manager* fil-bank konvenut, spjega li wara li l-attur irċieva ċ-*cheque* bil-ħlas tal-kumpens stabbilit mit-Tribunal Industrijali, huwa kien staqsa lill-attur jekk kienx irċieva l-ħlas ta' tliet snin salarji b'mod separat, u l-attur wieġbu li ma kienx irċevih. Ix-xhud spjega li kien hemmhekk li "qamet il-kwistjoni kollha". Ix-xhud Mark Muscat, mistoqsi jispjega u jinterpreta f'liema kuntest tintuża l-klawsola 12(b)(i) iċċitata mill-attur, jgħid li l-kliem ta' din il-klawsola, kelma kelma, kienu ilhom imniżżlin fil-ftehim kollettiv għal diversi snin, u li tul iż-żmien inbidel biss il-*formatting* u mhux is-sustanza ta' din il-klawsola. Muscat spjega li fil-ftehim kollettiv li jirregola l-impjegati tal-banek, ma jistax ikun hemm bidliet sostanzjali li jaffettwaw il-jeddijiet tal-ħaddiema, u li biex jiġri dan trid tissejjaħ laqgħa għall-impjegati u dawn jintalbu jivvutaw favur jew kontra l-bidliet proposti. Mistoqsi in kontroeżami[6], ix-xhud Mark Muscat spjega li l-klawsola 12(b)(i) tiġi applikata f'sitwazzjonijiet fejn it-Tribunal Industrijali jsib li kien hemm tkeċċija inġusta mill-impjieg, u ma jkunx hemm *re-instatement.* Fi kliem ix-xhud, "… l-aħħar waħda fiċ-ċirkostanza tat-tkeċċija inġusta tirreferi għal *termination of service* biss, jiġifieri ma tistax

[5] *A fol.* 147 sa 156.
[6] *A fol.* 153 sa 156.

ikollok *termination of service* u teħodha. Trid tkun imkeċċi mill-bank u tlift l-impjieg."

Xhud ieħor imressaq mill-attur, **David Perotti**, *Human Resources Manager* mal-bank konvenut, spjega li l-ftehim kollettiv ilu fis-seħħ numru ta' snin, u li dan normalment jiġġedded kull tliet snin. Ix-xhud kien il-persuna li bagħat il-*covering letter* lill-attur biċ-*cheque* fl-ammont ta' sitt elef Euro (€6000), '*in full settlement*.' Hu wera l-fehma li l-applikazzjoni tal-klawsola 12(b)(i) tal-ftehim kollettiv għaċ-ċirkostanzi odjerni hi kwestjoni ta' 'interpretazzjoni' u li l-bank qiegħed isostni li l-klawsola inkwistjoni tapplika biss għal *unfair dismissal* jew *termination on the basis of redundancy*, u mhux għal sitwazzjoni fejn persuna titlef l-impjieg wara li jkunu ttieħdu passi dixxiplinarji kontriha. Ix-xhud Perotti, ikkonferma li ċ-*cheque* li ntbagħat lill-attur ġie msarraf minnu, u li sussegwentement inqalgħet il-kwistjoni dwar il-ħlas ta' tliet snin salarju bejn il-partijiet, tant li nfetħu l-proċeduri odjerni.

Xhud ieħor prodott mill-attur, **Felix Galea**[7], li wkoll kien uffiċjal tal-Malta Union of Bank Employees, xehed li hu wkoll kien jifforma parti mit-tim ta' negozjaturi li nnegozjaw il-ftehim kollettiv għall-ħaddiema tal-bank konvenut. Hu spjega li l-klawsola li qiegħed jiċċita l-attur in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu għall-ħlas ta' tliet snin salarju kienet waħda '*all-encompassing*' u li kienet intiża biex tkopri sitwazzjonijiet ta' telf ta' impjieg minħabba *redundancy, transfer of business, merger, abolition of post,* u li kienet tissalvagwardja lill-impjegat billi tikkonċedilu l-ħlas ta' xahar paga għal kull sena li jkun ilu fis-servizz. Ix-xhud spjega lill-Qorti li tul iż-żmien kien hemm

[7] *A fol.* 199 sa 207.

modifiki fil-mod kif ċerti klawsoli tal-ftehim kollettiv ġew ippustjati, iżda li ma kien hemm l-ebda modifika fis-sustanza tal-ftehim kollettiv. Spjega li biex ikun hemm bidliet sostanzjali fil-ftehim kollettiv, trid tissejjaħ laqgħa straordinarja sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jieħdu vot fuq it-tibdil propost li jkun jista' jaffettwa d-drittijiet tagħhom.

Ix-xhud spjega li l-klawsola li qiegħed jiċċita l-attur in sostenn tal-pretensjoni tiegħu, ma kinitx intiża għal sitwazzjonijiet ta' *redundancy* biss.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Din il-Qorti tosserva li sabiex tiġi riżolta din il-kwistjoni bejn il-partijiet jeħtieġ li jsir approfondiment dwar il-fatti kif seħħew, u dwar jekk dak li għamlet xi parti jew oħra jistax jiġi interpretat bħala dekadenza mill-jedd li titkompla jew li saħansitra tinbeda l-azzjoni odjerna. Ikun inutli għall-Qorti li tagħti l-interpretazzjoni tagħha dwar l-applikabilità o meno tal-klawsola tal-ftehim kollettiv li qiegħed jiċċita l-attur in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, jekk l-assjem tal-fatti kif seħħew ma jħallux lok fejn l-attur ikompli b'din l-azzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li jkun opportun li tevalwa l-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-bank konvenut dwar il-mod kif il-ħlas tal-kumpens ordnat mit-Tribunal Industrijali tħallas mill-konvenut permezz ta' *cheque* u *covering letter* li tispeċifika li dak il-ħlas kien qiegħed isir '*in full settlement',* u għaldaqstant għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-attur fil-konfront tal-bank konvenut, u l-mod kif l-attur aċċetta dak il-ħlas anki jekk b'riserva u bil-kundizzjoni li jkun jista' jieħu passi legali kontra l-bank konvenut, sabiex il-

Qorti tiddeċiedi jekk apparti l-kumpens likwidat mit-Tribunal Industrijali, għandux ikun hemm ukoll ħlas ta' tliet snin salarju u benefiċċji oħra skont il-ftehim kollettiv.

Mill-provi jirriżulta li l-ħlas mill-bank konvenut tal-kumpens ordnat mit-Tribunal Industrijali sar '*in full settlement of all your claims arising from the termination of your employment with the Bank.'* L-attur fehem mill-ewwel l-import ta' din il-klawsola, u minkejja li sarraf iċ-*cheque* mibgħut lilu mill-bank konvenut, huwa bagħat jinforma lill-bank li kien qiegħed jagħmel dan b'riserva u b'kundizzjoni li jkun jista' jipproċedi kontra l-bank għall-ħlas tas-salarji u l-benefiċċji li hu jgħid li huma dovuti lilu skont il-ftehim kollettiv. Fl-ittra tiegħu datata 14 ta' Diċembru, 2015 lill-*Human Resources Manager* tal-bank, David Perotti[8], l-attur spjega li, *"the scope of this letter is to inform you that I cannot accede to your request in view of my pending claim with the Bank in respect of the bank's obligation under the Collective Agreement to pay me a minimum of 3 years' salary, together with a confirmation that I will also retain all the applicable staff benefits accordingly."*

Huwa sew magħruf li l-Qrati tagħna japplikaw rigorożament il-prinċipju tal-finalità li bih isir ħlas għas-saldu ta' kull pretensjoni tal-allegat kreditur. Il-ġurisprudenza ewlenija fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta tissuġġerixxi li meta kreditur jaċċetta pagament magħmul għas-saldu, dan ikun qiegħed jikkonferma li b'dak il-pagament id-dejn ikun inqatel, u li hu qiegħed jiddekadi minn kull jedd ta' azzjoni li jista' jispetta lilu fil-konfront tad-debitur. Din it-teżi ssib konfort f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna, b'mod partikolari f'sentenza

---

[8] *A fol.* 27.

tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Francis Penza *vs.* John Mallia** fejn kien stabbilit illi:

> "In tema legali jingħad illi f'ċirkostanzi normali, kif diġà osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Novembru, 1986 in re **William Apap *vs.* Joseph Gauci et noe,** meta d-debitur offerenti jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreidtu u m'għandux dritt il-kreditur litterjalment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaċċettah b'kundizzjonijiet u riservi li neċessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament għas-saldu."[9]

Illi sentenza oħra li tikkonferma dan il-ħsieb hi dik fl-ismijiet **St George's Park Co. Ltd *vs.* Pace Bonello Eric pro et noe:**

> "In tema legali u fejn iċ-ċirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qiegħed iseħħ, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament għas-saldu tal-pretensjonijiet kolha tal-konvenut, m'għandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaqbad minflok u jaċċettah b'kundizzjonijiet u b'riservi li intrinsikament u neċessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu."[10]

Deċiżjoni importanti tal-Qorti tal-Appell li applikat l-istess prinċipju fl-interpretazzjoni tat-terminu 'għas-saldu', hija dik fl-ismijiet **Vella de Fremeaux *vs.* Eagle Star (Malta) Ltd pro et noe**[11], fejn il-Qorti stabbiliet diversi prinċipji importanti:

> "Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirriafferma l-prinċipju enunċjat mill-Qorti tal-Appell (Kummerċjali) li l-kreditur m'għandux dritt ibiddel unilateralment il-modalità ta' pagament offrut lilu mid-debitur; u għalhekk mhuwiex legalment konsenstit li, min jaċċetta pagament kondizzjonat bi kliem li

[9] 06.05.1991.
[10] Q.A.(Inf.)., 15.03.2002.
[11] 09.11.2012.

inekwivokabbilment ifissru li dak il-pagament kien qed jiġi effettwat għas-saldu ibiddel il-modalità ta' dak il-pagament.

Għalhekk fil-każ preżenti, meta kienet għaddejja bejn il-partijiet il-vertenza dwar il-quantum tal-maturity value tal-poloz, il-fatt li s-soċjetajiet appellant għamlu offerta lill-atturi billi bagħtu *cheques* bħala pagamenti *in full and final settlement* l-atturi kellhom għażla: jew li jaċċettaw dawk il-pagamenti bil-kundizzjoni marbuta magħhom, u b'hekk tiġi riżolta l-vertenza, jew inkella jirrifjutaw il-pagamenti: iżda żgur li legalment ma setgħux, ibiddlu unilateralment il-modalità tal-pagamenti offruti lilhom, u minn pagamenti għas-saldu jiddikjaraw li qed jaċċettaw pagamenti akkont tal-prezz pretiż minnhom. Huwa għalhekk irrilevanti l-fatt li qabel ma l-atturi aċċettaw il-pagamenti mibgħuta lilhom dawn għamluha ċara, kemm b'ittra mibgħuta lis-soċjetajiet konvenuta, kif ukoll bi protest ġudizzjarju, li huma kienu ser jaċċettawhom mingħajr preġudizzju għall-ammont bilanċjali dovut lilhom.

Illi fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti qalet li, 'meta l-konvenuti għażlu l-mod tal-pagament in kwistjoni, huma għamlu att unilaterali u kwindi l-atturi b'att unilaterali ieħor jistgħu jimponu riserva u kundizzjonijiet marbuta mal-fatt li ċ-*cheque* ġie minnhom imsarraf. Din il-Qorti tosserva li dan l-argument huwa legalment insostenibbli, stante li, filwaqt li s-soċjetajiet konvenuti, bħala debituri, kellhom dritt jagħmlu l-offerta tagħhom kif għamluha, ma kienx konsentit għall-atturi, bħala kredituri, li jaċċettaw l-offerta b'kundizzjonijiet differenti minn dawk kontenuti fl-offerta. Huma kellhom jagħżlu, jew jaċċettaw l-offerta magħmula, jew jirrifjutawha.

Illi l-atturi jsemmu każistika riċenti li fiha l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u l-Qorti tal-Appell (Superjuri) fissru li l-prinċipju enunċjat fis-sentenza **Apap vs Gasan,** mhuwiex wieħed assolut u jistgħu jeżistu ċirkostanzi fejn ikun ġust li l-Qorti tħoss li għandha tiddipartixxi minnu. Din il-Qorti tosserva li huwa minnu li jistgħu jeżistu ċirkostanzi li jwasslu lill-Qorti ġudikanti biex tiddipartixxi minn dan il-prinċipju, imma dawn huma każijiet eċċezzjonali li l-fattispeċi tagħhom manifestement jirrendu dan il-prinċipju inapplikabbli. Hekk, per eżempju fil-kawża **Agius Marble Works Ltd vs AX Construction Ltd,** kien hemm sitwazzjoni ambigwa, fejn il-pagament li sar lill-kreditur, għalkemm kien qed jiġi dikjarat li qed isir *'in full and final settlement'* lampantement ma kienx ikopri x-xogħlijiet addizzjonali li kienet wettqet is-soċjetà kreditriċi.

Fil-każ in diżamina dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali huma mankanti, u għalhekk għandu japplika l-prinċipju fuq espost fir-rigur tiegħu."

Madanakollu fis-sentenza fl-ismijiet **Aceline Entertainment Ltd *vs.* Price Breakers Limited**[12]:

> "Din il-Qorti tistqarr rispettosament illi ma tistax taqbel ma' din il-posizzjoni riġida fis-sentenza ċitata.[13] Il-prinċipju mhux assolut jew talment inflessibbli li ma jippermettix deroga minnu fiċ-ċirkostanzi kongruwi. Kif taraha din il-Qorti, f'każ fejn id-debitur ma jkunx ħallas dak kollu pretiż mill-kreditur tiegħu, il-liberazzjoni tiegħu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tiegħu tista', għal fatt ta' dik id-dikjarazzjoni għas-saldu, tissussisti jekk miċ-ċirkostanzi li fiha sar il-ħlas tiġi deżunta l-espressjoni tal-volontà tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja għall-kumplament."

Din il-Qorti tabbraċċja dan l-aħħar insenjament u għalhekk tqis illi fil-kawża odjerna għandha timxi b'kawtela, u għandha teżamina jekk tenut kont il-fatti kif seħħew u l-obbligi tas-soċjetà konvenuta, jeżistux ċirkostanzi tali li abbażi tagħhom il-Qorti għandha tiddipartixxi mill-prinċipju tal-finalità ta' ħlas magħmul għas-saldu, anki in linea ma' dak stabbilit fil-ġurisprudenza ċċitata. Jirriżulta li l-bank konvenut, meta ssalda l-obbligazzjoni imposta fuqu mit-Tribunal Industrijali bil-ħlas ta' sitt elef Euro (€6,000), kien qiegħed iħallas dak li ġie obbligat iħallas bid-deċiżjoni tat-Tribunal, mingħajr ebda kunsiderazzjoni ta' jekk għandux obbligi oħra li jemanu mir-relazzjoni kuntrattwali li l-bank għandu mal-impjegati tiegħu.

Illi hija l-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti, li l-bank konvenut bl-ebda mod ma seta' jikkundizzjona l-ħlas magħmul minnu lill-attur, jew jinjora l-fatt li l-obbligi tiegħu jemanu minn żewġ sorsi – dawk imposti fuqu mit-Tribunal Industrijali, u dawk imposti fuqu bis-saħħa tal-ftehim kollettiv, u filwaqt li l-ħlas ta' sitt elef Euro (€6000) magħmul mill-bank konvenut jista' jitqies bħala

[12] Qorti tal-Maġistrati (Malta) *per* Maġistrat Consuelo Scerri Herrera, 16.12.2011.
[13] **William Apap *vs.* Joseph Galea et nomine**, suċitata.

ħlas finali fir-rigward tal-obbligi tal-bank konvenut li jemanu mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, wieħed irid jikkunsidra jekk il-bank konvenut għandux obbligi oħrajn li joriġinaw mill-ftehim kollettiv innegozjat mill-unions li jirrappreżentaw lill-impjegati tal-bank konvenut.

Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), f'sentenza li tat fl-ismijiet **Frederick Attard *vs.* Malta International Airport plc *et*[14]**, stabbiliet illi:

> "Ftehim Kollettiv huwa strument legali li jsaħħaħ ir-relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegat u huwa vinkolanti."

F'sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri)[15] fl-ismijiet **Joseph Silvio *vs.* Corinthia Palace Hotel Company Limited**, il-Qorti qalet hekk, dwar l-importanza tal-ftehim kollettiv fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-impjegati u min iħaddimhom:

> "Il-Ftehim Kollettiv huwa kuntratt li jiddixxiplina b'mod ġenerali r-rapporti tax-xogħol ta' kategorija ta' ħaddiema bl-intervent tal-Union li tirrappreżentahom. Huwa kuntratt importanti ħafna mhux biss għall-kontenut tal-kundizzjonijiet tax-xogħol pattwiti fih imma għaliex, fundamentalment, dawk l-istess kundizzjonijiet u d-dixxiplini l-oħra tiegħu għandhom jitqiesu r-regoli ta' ġudizzju li jridu jiġu assunti meta tinsorġi xi kwistjoni jew problema bejn l-interessati. In kwantu kuntratt, il-Ftehim Kollettiv irid jiġi interpretat skont l-istregwa tad-dritt komuni u tal-kriterji ordinati tal-ermenewtika kontrattwali, għalkemm anke hawn, wieħed ma jridx iħalli jisfuġġi mill-viżjoni l-funzjoni tipika tar-regolamentazzjoni tan-normi partikolari applikabbli għas-settur, u allura għal dik il-prospettazzjoni interpretattiva li ttendi għall-kriterju tal-armonija tal-kumpless tad-dispożizzjonijiet tiegħu u tal-volontà komuni f'rapport tax-xogħol."

[14] 27.05.2015.
[15] 27.02.2009.

Illi fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti, huwa ċar li l-bank konvenut ma setax jinjora t-termini tal-ftehim kollettiv jew jagħżel hu kif għandu jinterpreta l-klawsoli tal-imsemmi ftehim, speċjalment meta l-klawsoli inkwistjoni setgħu jiġu interpretati b'aktar ċarezza meta kienu għadhom sitwati f'inħawi oħra tal-istess ftehim kollettiv qabel il-bidliet superfiċjali li saru fi żminijiet riċenti. Il-Qorti tagħżel it-terminu 'superfiċjali' minħabba li mix-xhieda li nstemgħu jidher ċar li l-klawsola inkwistjoni kellha tifsira aktar ċara, u huwa veru li meta din iċċaqalqet u ġiet inkorporata taħt is-subartikolu intestat 'Terminal Benefits' jista' jkun li t-tifsira tagħha sfat dilwita. Però l-Qorti ġiet infurmata wkoll illi li kieku l-jeddijiet tal-impjegati kienu ser jintmessu b'xi mod li l-klawsola inkwistjoni kellha tibda tingħata l-interpetazzjoni li qiegħed jagħtiha l-bank konvenut, din kien ikollha tiġi sottomessa għall-vot tal-impjegati kollha tal-bank, stante li din kienet tfisser tnaqqis sostanzjali fil-jeddijiet li kienu jgawdu l-impjegati tal-bank konvenut taħt ftehim kollettiv preċedenti, xi ħaġa li ma saritx. Fid-dawl ta' dan, hija l-fehma tal-Qorti li għandha tiskarta l-eċċezzjoni preliminari tal-bank konvenut, u tgħaddi sabiex tevalwa t-talbiet atturi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-bank konvenut u tal-provi mressqa mill-partijiet f'din il-kawża.

Il-Qorti tattribwixxi importanza partikolari lil dak li xehdu rappreżentanti tal-MUBE kemm dwar l-interpretazzjoni tal-klawsola 12(b)(i) inkwistjoni, dwar il-kronoloġija tal-mod kif din tpoġġiet proprju taħt it-taqsima '*Terminal Benefits*', u dwar il-mod kif jistgħu jsiru bidliet sostanzjali bejn ftehim kollettiv u ieħor tul is-snin. Hekk pereżempju, Mark Muscat u Felix Galea, li t-tnejn li huma kienu involuti fl-HSBC Employee Committe tal-Malta Union of Bank Employees, spjegaw li l-klawsola ċċitata mill-attur in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, kienet klawsola li fi ftehim kollettiv preċedenti kienet

tispeċifika b'mod ċar li kienet applikabbli għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn jiġi stabbilit li t-tkeċċija ta' impjegat mill-post tax-xogħol tiegħu tkun waħda 'inġusta' u l-bank konvenut jonqos milli joffri l-impjieg lura mill-ġdid lill-persuna li tkun ipproċediet kontra l-bank. Huwa f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn fl-ewwel lok, ikun hemm deċiżjoni mit-Tribunal Industrijali li t-tkeċċija kienet waħda inġusta, u fit-tieni lok, l-impjegat ma jerġax jiddaħħal fl-impjieg mal-bank konvenut, li jiskatta d-dritt tal-impjegat għall-ħlas ta' minimu ta' tliet snin salarju, u huwa proprju għalhekk li l-attur qiegħed jiċċita din il-klawsola in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu.

Minn dak li ngħad mix-xhieda mressqa mill-attur, jirriżulta b'mod ċar li l-klawsola inkwistjoni kienet intiża sabiex tkun waħda '*all-encompassing*' kif xehed Felix Galea fi kliemu stess, u li din kienet maħsuba biex tapplika għal ċirkostanzi bħal tal-każ odjern, fejn jiġi stabbilit minn tribunal indipendenti, li persuna tkun tilfet xogħolha inġustament, u l-bank konvenut jonqos milli jdaħħal lill-persuna inkwistjoni lura fl-impjieg. Il-Qorti jidhrilha li l-interpretazzjoni mogħtija mill-bank konvenut tal-klawsola inkwistjoni hi waħda restrittiva u ċertament li mhijiex dak li kien maħsub mir-rappreżentanti tal-impjegati meta nnegozjaw l-ispostament ta' din il-klawsola minn taqsima oħra tal-ftehim kollettiv, fejn kien stipulat b'mod ċar li din il-klawsola tapplika fejn jiġi stabbilit li persuna tilfet xogħolha b'mod inġust u din ma tiġix reintegrata lura fl-impjieg li kellha mal-bank.  Li kieku l-union li tirrappreżenta lill-impjegati tal-bank konvenut kellha xi ripensament dwar it-tħaddim ta' din il-klawsola, din il-klawsola ma setgħetx tinbidel mingħajr ma jivvutaw dwarha l-impjegati, minħabba li ċertament li din hi klawsola li tolqot direttament il-jeddijiet tagħhom meta impjegat isib ruħu mingħajr impjieg, u

sussegwentement jiġi stabbilit li t-tkeċċija ta' dak l-impjegat kienet waħda inġusta.

Tqis li l-interpretazzjoni li tagħti s-soċjetà konvenuta għall-klawsola 12(b)(1) tal-ftehim kollettiv inkwistjoni mhijiex waħda loġika u tirrendi l-imsemmija klawsola mingħajr ebda sinifikat u li ma ssibx applikazzjoni, 'il għaliex f'kuntest fejn il-bank konvenut huwa marbut illi ma jagħmilx *redundancies* involontarji, kif tista' din il-klawsola tiġi interpretata li tapplika f'kuntest fejn it-tribunal kompetenti jkun iddikjara li hija inġusta terminazzjoni ta' impjieg permezz ta' *redundancy*.

Hija l-fehma tal-Qorti li d-diċitura tal-klawsola 12(b)(1) tal-ftehim kollettiv li kien fis-seħħ fil-15 ta' Marzu, 2011 hija biżżejjed ċara u għad illi tinsab taħt l-intestatura *'terminal benefits ... as a result of redundancies',* din qed tagħmel riferiment għal sitwazzjoni bħal dik odjerna fejn impjegat għad li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu tkun ġiet dikjarata inġusta mit-tribunal kompetenti skont il-liġi, dan ma jkunx ġie reintegrat lura fl-impjieg li kellu qabel.

Tqis għalhekk illi fil-każ odjern l-attur għandu jedd jirċievi tliet snin salarju maħduma fuq is-salarju tiegħu fl-aħħar sena tal-impjieg mal-bank konvenut, mingħajr ma tingħata kunsiderazzjoni għal *bonuses*, benefiċċji u perkaċċi oħra li seta' kien intitolat għalihom li kieku baqa' impjegat mal-bank konvenut, u dan in linea ma' dak li l-Qorti temmen li hu l-ispirtu tal-klawsola fil-ftehim kollettiv li ġiet iċċitata mill-attur fil-proċeduri mnedija minnu permezz ta' din il-kawża.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta, u tiddikjara li l-bank konvenut bil-pagament ta' sitt elef Euro (€6000) li għamel lill-attur, issalda biss l-obbligu tiegħu emanenti mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, u ma wettaq xejn mill-obbligi li joħorġu mill-ftehim kollettiv li kien fis-seħħ fil-15 ta' Marzu, 2011;**

2. **Tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, ħlief għall-eċċezzjoni bin-numru sittax (16) fejn issir distinzjoni bejn is-salarju u l-benefiċċji l-oħra li seta' kien intitolat għalihom l-attur li kieku baqa' fl-impjieg mal-bank konvenut;**

3. **Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tal-attur, b'dan li l-kumpens li għandu jitħallas lill-attur mis-soċjetà konvenuta għandu jkun ekwivalenti għal tliet snin salarju maħduma fuq is-salarju tal-attur fl-aħħar sena tal-impjieg mal-bank konvenut, mingħajr ma tingħata kunsiderazzjoni għal *bonuses*, benefiċċji u perkaċċi oħra li seta' kien intitolat għalihom li kieku baqa' impjegat mal-bank konvenut;**

4. **Tiċħad it-tielet talba tal-attur;**

5. **Tilqa' r-raba' u l-ħames talbiet tal-attur, b'dan li l-pagament dovut lill-attur għandu jitħallas mis-soċjetà konvenuta fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Frar, 2016 (Numru 397/2016) u bl-imgħaxijiet legali mill-15 ta' Marzu, 2011 kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.